

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Drittijietek](#) > [Imputati \(proċeduri Kriminali\)](#) > 1- Parir ta' avukat

1- Parir ta' avukat

Kif issib avukat

Għandek id-dritt assolut li tkun assistit minn avukat f'kull kwistjoni. Tista' tagħżel avukat inti u tista' wkoll tikkuntattja lill-[Kamra tal-Avukati tal-Lussemburgu](#) biex takkwista l-lista tal-avukati sabiex tagħżel wieħed li tixtieq.

F'każ li ma tagħżilx avukat jew f'każ illi l-President tal-Kamra tal-Avukati jqis l-għażla tiegħek bħala inadegwata, ikun il-President illi jagħżlu. L-avukat huwa marbut, ħlief f'każ ta' xi impediment jew kunflitt ta' interess, li jjeħu f'idejh il-każ li jkun ġie assenjat.

Jekk inti tkun tinsab arrestat, tista' titlob lill-maġistrat inkwerenti, fil-bidu tal-proċedura, sabiex tkun assistit minn avukat ipprovdut mill-qorti jew minn avukat tal-għażla tiegħek.

Kif tħallas lill-avukat

Il-ħlas tal-avukat mhuwiex obligatorju. Jekk inti m'għandekx minn fejn tħallas avukat, tista' titlob għajnuna legali mis-servizz tal-assistenza, kif ukoll informazzjoni ġuridika mill-qrati.

Jeżisti servizz ta' assistenza u informazzjoni ġuridika fil-Belt tal-Lussemburgu, f'Diekirch u f'Esch-sur-Alzette:

- Il-Belt tal-Lussemburgu: Cité Judiciaire, Bâtiment CR, L-2080, Luxembourg, Tél : 22 18 46
- Diekirch: bei der Aler Kiirch, B. P. 66 L-9201 Diekirch, Tél: 80 23 15
- Esch-sur-Alzette: place de la Résistance, L-4002 Esch/Alzette, Tél: 54 15 52

Titqies bħala persuna li m'għandhiex riżorsi biżżejjed jekk ma jkollokx mezzi finanzjarji oġġla mid-dħul minimu stipulat mil-liġi.

Links relatati

[Ministeru tal-Ġustizzja - Għajnuna legali](#)

[Ministeru tal-Ġustizzja - Assistenza ġuridika](#)

■ L-aħħar aġġornament: 17/09/2025

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-orijinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.